MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru. 845/2009

Il-Pulizija
(Sp Robert Vella)
vs
Antonella Azzopardi, bint Michelle Azzopardi, imwieleda Pieta' fl-24 ta' Marzu, 1990

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fit-18 ta' April, 2009 u fix-xhur ta' qabel din id-data, minn ġewwa l-Park Towers Supermarket li jinsab ġewwa Triq il-Ferrovija, Santa Venera:
B'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda ikkomettiet serq ta' flus kontanti minn ġewwa l-Park Towers

Supermarket, għad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmi stabbiliment, liema serq hu kkwalifkat bil-persuna.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009 fejn il-partijiet qablu li l-ammont misruq hu ta' €1,500 iżda llum il-bilanċ dovut hu ta' €800.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u il-fatt li qed trod lura dak li serqet. Għaldaqstant, ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputata li tħallas is-somma ta' €800 danni fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------